**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 02**

It-Tlieta, 16 ta' Lulju, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsillera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kuinsiller |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sur Silvio Xerri - Segretarju Eżekuttiv

## 02.1 Talba

02.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 02.2 Ittri ta' Apoloġija

02.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 02.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

02.3.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 01 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 02.4 Tqassim ta' Responsabbiltajiet;

02.4.1 Il-Kunsilliera ngħataw dawn ir-responsabbiltajiet:

Sindku Dr. Daniel Attard – Żgħażagħ u Tfal, Qasam Soċjali
Viċi Sindku Sammy Saliba – Indafa, Sports u Attivitajiet Fiżiċi, Ħarsien tal-Annimali;
Kunsillier Emanuel Mintoff – Infrastruttura u Proġetti;
Kunsilliera Elizabeth Mintoff – Ambjent, l-Innovazzjoni u l-Anzjani;
Kunsillier Salvatore Felice Pace – Edukazzjoni, l-Integrazzjoni Soċjali, Kultura.

## 02.5 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

02.5.1 Email mingħand id-Dipartiment Gvern Lokali rigwardanti l-iSkema SPI/SCI/5/2024, fejn hemm indikat li l-applikazzjoni għal tali skema ġiet approvata.

02.5.2 Email mingħand EkoGozo rigwardanti l-iskema MGP Restoration Scheme rigwardanti r-restawr tan-niċċa, fejn ġew indikati xi punti li għandhom jiġu kjarifikati. Għandha ssir komunika mal-perit u mal-inġinier sabiex tali punti jiġu kjarifikati u tinbagħat ir-risposta meħtieġa.

02.5.3 Email mingħand is-Central Bank of Malta fejn ġie ndikat li l-Kunsill għandu *account* li huwa *dormant*. Il-Kunsilliera qablu unanimament li tali *account* għandu jingħalaq.

02.5.4 Korrispondenza mingħand l-APS Bank fejn ġie ndikat li hemm *account* li huwa *dormant*. Il-kunsilliera qablu unanimament li għandha tintbagħat risposta sabiex tali *account* jibqa' attiv.

02.5.5 Email mingħand ir-Reġjun Għawdex rigwardanti *Youth from Ukraine – Solidarity Project by Gozo Regional Council* sabiex tiġi ndikata

ġurnata bejn Id-19 ta' Awwissu 2024 u is-26 ta' Awwissu 2024, fejn fiha membri mill-Kunsill jgħaddu xi ħin magħhom. Il-Kunsilliera qablu unanimament li fil-ġurnata tat-22 ta' Awwissu 2024, n-nofstanhar ta' filgħaxija għandu jkun dedikat għalihom fejn dawn għandhom iżuru Ta' Pinu, Il-Ġgantija, Il-Mitħna ta' Kola, Xerri's Grotto u mbagħad is-serata tintemm b'ikla l-Bukkett Restaurant.

02.5.6 Is-Sindku ppropona li jsir eżerċizzju sabiex jiġu riabilitati l-ġibjuni li hemm int u dieħel l-Għasri, isiru passaġġi li jkunu aċċessibbli għall-pubbliku u tkun *area* pubblika. Għandu jiġi mitkellem perit (ġie propost il-Perit Gordon Sultana) sabiex jiġi ndikat x'hemm bżonn għal tali eżerċizzju.

02.5.7 Is-Sindku kellu laqgħa' ma persuna miċ-Ċina, fejn ġie propost li jsir ġemellaġġ ma' raħal miċ-Ċina u għalhekk ppropona li jiġi vverifikat x'hemm bżonn u jekk hux possibbli li jsir tali ġemellaġġ.

02.5.8 Wara l-attivita' ta' *Traditons* li ser issir fl-14 ta' Settembru 2024, is-Sindku ppropona li jsir riċeviment bħala ringrazzjament lill-voluntiera li jgħinu sabiex din l-attivita' ssir. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma din il-proposta.

02.5.9 Is-Sindku ppropona li f'Wied il-Għasri għandu jsir xi tip ta' pavimentar b'xibka u jintefa' r-ramel fix-xibka. Għalhekk għandha tiġi mitluba stima lill-kuntrattur JRN Limited u wara jekk tali stima tkun viabbli jiġi mitkellem perit (ġie propost il-Perit Gordon Sultana) minħabba l-awtorizazzjonijiet neċessarji.

02.5.10 Is-Sindku ppropona li madwar l-Għasri jitħawwlu siġar endemiċi bħal Ballut (Holm Oak), Aleppo Pino, Jacaranda Tree. Għandu jiġi vverifikat hemmx bżonn permessi, u fil-każ għandu jitqassam fuljett sabiex residenti li għandhom xi għelieqi mat-toroq jingħataw tali pjanti sabiex ikunu jistgħu jħawwluhom.

02.5.11 Is-Sindku rrimarka li l-edifizzju tal-Kunsill huwa post qadim u li ma għadux adegwat biex iservi ta' uffiċċju, ta' librerija u li ma għandux aċċesibilita neċessarja għall-persuni b'diżabilita, saħansitra lanqas lift ma hemm. Ippropona għalhekk li jiġi mitkellem perit (ġie propost il-Perit Gordon Sultana) sabiex jitfassal proġett bil-għan li jwassal sabiex jinbena post aktar adegwat biex iservi bħala post amministrattiv, librerija etc.

02.5.12 Email mingħand Luke Said Deputy Chairman Għawdix saibex tiġi organizzata laqgħa mal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li għandha tiġi proposta li ssir laqgħa ma' rappreżentanti tal-NGO Għawdix qabel il-laqgħa li jmiss tal-kunsill.

**02.6 Għoti ta' offerti – CCTV;**

02.6.1 Il-Membri tal-Bord bagħtu l-*Evaluation Report* rigwardanti t-tender tas-CCTV. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma tali rapport u li għandu jitkompla l-proċess sabiex jitwaħħlu s-sistemi ta' CCTV madwar ir-raħal.

**02.7 Ħatra ta' Bord vakanza għall-skrivan/a fi Skala 15;**

02.7.1 Il-kunsilliera qablu li għandu jinħatar bord għall-vakanza ta' skrivan/a fi Skala 15, u għalhekk qed jiġu nominati s-Sindku, s-Sur William Sultana, Dr. Joshua Grech, il-kunsillier Salvatore Felice Pace u l-kunsillera Elizabeth Mintoff.

**02.8 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;**

02.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li bħalissa mhemmx Deputat Segretarju Eżekuttiv li jkun jista' jassisti fin-nuqqas tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera qablu li għandha tiġi mitkellma s-Sa Marianne Sagona sabiex tkun Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**02.9 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

02.9.1 Il-Kunsilliera Emanuel Mintoff u Salvatore Felice Pace saqsew rigwardanti t-*Tender* relatat mat-Tisbiħ tal-Pjazza u ta' Triq Dun Karm Caruana. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekja rigward it-*tender* imsemmi.

02.9.2 Is-Sindku nforma li Dun Eddie Vella saqsa jekk fit-tender relatat mat-Tisbiħ tal-Pjazza u ta' Triq Dun Karm Caruana hemmx inkluża l-Knisja u l-*area* fil-viċinanzi. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekja rigward it-tender imsemmi.

**02.10 Materji Oħra;**

02.10.1 Ħarġa Kemmuna – Ġiet proposta d-data tat-Tnejn 2 ta' Settembru 2024 sabiex issir id-dawra ma' Kemmuna.

02.10.2 Resident talab li jsiru *double lines* fi Triq il-Knisja quddiem ir-residenza tiegħu. Tali talba għandha tiġi mibgħuta lil *Transport Malta* għal kunsiderazzjoni min-naħa tagħhom.

02.10.3 Residenti f'Wied il-Għasri, speċjalment fejn tinsab il-kamra tad-drenaġġ, talbu li ssir *sleeping police*. Tali talba għandha tiġi mibgħuta lil *Transport Malta* għal kunsiderazzjoni min-naħa tagħhom.

02.10.4 Residenti fi Triq il-Fanal talbu li jsiru *speed bumps*, tali talba għandha tiġi mibgħuta lil *Transport Malta* għal kunsiderazzjoni min-naħa tagħhom.

02.10.5 Residenti fi Triq il-Ġonna talbu li ssir *sleeping police*, tali talba għandha tiġi mibgħuta lil *Transport Malta* għal kunsiderazzjoni min-naħa tagħhom.

02.10.6 Residenti ta' Triq ta' Għammar u Triq il-Fanal talbu li jkun hemm sistema ta' parkeġġ fejn tkun bil-ħin u li r-residenti jkunu jistgħu jipparkjaw; sistema bħal tal-Belt Victoria. Tali talba għandha tiġi mibgħuta lil *Transport Malta* għal kunsiderazzjoni min-naħa tagħhom.

02.10.7 Matthew Pace ssuġġerixxa li fl-istess ġurnata tal-event *Traditions*, filgħodu ssir fun run li tkun organizzata u mtella' minnu stess sabiex tattira aktar nies għal tali attivita' *Traditions*. Sar kuntatt mis-Sindku ma Matthew Pace, fejn ikkonferma dan.

02.10.8 Ġie propost li maġenb il-knisja quddiem il-garaxxijiet jitpoġġa *dustbin*. Il-kunsilliera qablu unanimament ma din il-proposta.

02.10.9 Fi Triq il-Patroċinju hemm bżonn li jitnaddaf il-wied u għalhekk għandha tintalab stima lill-kuntrattur JRN Limited sabiex tali wied ikun jista' jitnaddaf.

02.10.10 Fi Triq is-Sagħtrija hemm bżonn li jsir *re surfacing* u għalhekk għadha tintalab stima lill-kuntrattur Road Construction sabiex wara jkunu jistgħu jiġu approvati tali xogħolijiet.

02.10.11 Fi Triq il-Kanun hemm bżonn li jsir re surfacing u għalhekk għadha tintalab stima lill-kuntrattur JRN Limited sabiex wara jkunu jistgħu jiġu approvati tali xogħolijiet.

02.10.12 Fi Triq il-Knsija, faċċata tan-Niċċa hemm bżonn li jsir *major patching* u għalhekk għadha tintalab stima lill-kuntrattur Road Construction sabiex wara jkunu jistgħu jiġu approvati tali xogħolijiet.

02.10.13 Intalbet li ssir bankina fi Triq il-Fanal u għalhekk il-kuntattur JRN Limited għandu jagħti stima tax-xogħol relatat.

02.10.14 Fi Triq il-Fanal hemm ħajt li għandu bżonn xi manutenzzjoni/jinbena mill-ġdid. Tali talba għandha tiġi mibgħuta lill-Ministeru ta' Għawdex u l-Ippjanar.

02.10.15 Ġie propost ukoll li waqt li jkun qed jitranġa l-istess ħajt għandhom jiġu nkorporati *pots* bi pjanti/siġar ġewwa fihom.

02.10.16 Fi Triq il-Ġonna hemm ħajt li għandu bżonn xi manutenzjoni/jinbena mill-ġdid. Tali talba għandha tiġi mibgħuta lill-Ministeru ta' Għawdex u l-Ippjanar.

02.10.17 Residenta talbet li ssir kaxxa sabiex jinġabru ħwejjeġ użati. Il-kunsilliera ma qablux ma din il-proposta.

02.10.18 Residenta fi Triq il-Knisja talbet li jsiru xi tip ta' *bollards* mal-faċċata peress li qed jgħaddu t-trukkijiet u qed jagħmlu l-ħsara. Tali talba għandha tiġi mibgħuta lil *Transport Malta* għal kunsiderazzjoni min-naħa tagħhom.

02.10.19 Residenti ta' Triq il-Maxrabija u ta' Triq ta' Għammar talbu li ssir sistema ta' parkeġġ bil-ħin, u r-residenti jkunu jistgħu jipparkjaw normali. Tali talba għandha tiġi mibgħuta lil *Transport Malta* għal kunsiderazzjoni min-naħa tagħhom.

02.10.20 Fil-Kunsill hemm il-librerija pero' mal-faċċata tal-istess kunsill ma' hemmx x'jindika li hemm librerija, għalhekk għandha tiġi ordnata plakka li turi li hemm librerija.

02.10.21 Ġie nnutat li l-bankijiet li hemm quddiem il-Lighthouse Supermarket għadhom ma' ttranġawx, għalhekk għandu jerġa jiġi mitkellem il-mastrudaxxa nkarigat minn dawn it-tiswijiet.

02.10.22 Persuna talbet li jsiru xi tip ta' *bollards* f' Wied il-Mielaħ minħabba s-sies. Il-Kunsilliera ma qablux ma tali proposta.

02.10.23 Waqt il-festa tar-raħal li għaddiet ġuvni mir-raħal ġibed *video* relatat mal-festa u l-kunsilliera qablu li dan il-*video* għandu jkun ta' promozzjoni għar-raħal u għalhekk għandu jiġi akkwistat mill-kunsill.

02.10.24 Il-Kunsilliera Liza Mintoff pproponiet li ssir ħarġa għad-Dwejra u ssuġġeriet li l-Kunsill jipprovdi Minibus għal tali ħarġa. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma tali talba.

## 02.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;

02.11.1 Ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti numru 09-02.

## 02.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

02.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Awwissu, 2024 fis-7:00 ta' filgħaxija.

**Dr. Daniel Attard**
**Sindku**

**Silvio Xerri**
**Segretarju Eżekuttiv**